MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 597/2013

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**vs**

**Chantellaine Cassar Schiavone [ID No. 15393M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fl-24 ta' Settembru, 2013** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' disa mija u erba' euro u wiehed u hamsin ċenteżmu [€904.51c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi 'l-konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta' attrici 's-somma ta' disa' mija u erbgha ewro u wiehed u hamsin centezmi (€904.51) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40172817 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2- prospett u

ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 – estratt mir-Registru Elettorali.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ‘ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra ‘l-konvenuta li minn issa hija ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fid-9 ta’ Ottubru, 2013, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-23 ta’ Ottubru, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-23 ta’ Ottubru, 2013 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u tikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ disa mija u erba’ euro u wiehed u hamsin ċenteżmu [€904.51c] bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------